MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2010

Numru 450/1998

Il-Pulizija
(Supretendent Alexandra Mamo)

vs

Mark Mallia

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat Mark Mallia ta’ karta ta’ identità numru 340765M, akkuzat:

- li f’dawn il-Gzejjer b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

a. appropja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghall-persuna ohra minn haga ta’ haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-

radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioè approprja flus li jappartjenu lis-socjeta’ M Demajo (Wines and Spirits) Ltd; dan ir-reat sar meta l-istess flus kienu fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju – bi ksur tal-Artikolu 293 u 294 tal-Kap 9;

b. b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza ta’ xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn Lm1,000 ghad-dannu tas-socjeta’ M Demajo (Wines and Spirits) Ltd u persuni ohra – bi ksur ta’ l-Artikolu 308 u 310(1) tal-Kap 9;

Rat l-artikoli tal-ligi trasmessi mill-Avukat Generali li bihom deherlu li l-imputat seta’ jinstab hati ghar-reati indikati fl-artikoli tal-ligi minnu citati kontra l-imputat;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni sabiex il-kawza tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali l-imputat hu akkuzat b’misappropriazzjoni, truffa aggravata li teccedi l-elfejn u erba’ mitt Euro, jew b’qerq innominat, b’daqstant li l-ezercizju huwa wiehed fuq jekk jissustitiex xi reat jew reati dwar liema l-imputat jista’ jinstab hati, fil-kaz ‘de quo’, fuq xi wiehed mir-reati prospettati u indikati mill-Avukat Generali. Ma jikkomportax it-tfittix dwar jekk hu dovut xi bilanc fl-liema ipotesi, fuq bazi ta’ htija, il-Qorti tista’ biss tordna r-risarciment jew kumpens.

Bhala fatti m'hemmx kuntrast li l-imputat fil-kors li kien qieghed jesercita l-kummerc tieghu bhala bejjiegh minn zewg hwienet u l-monti kien ordna u ha konsenji ta' diversi prodotti li kien ibiegh minghand varji supplituri tieghu fosthom ta' xorb alkoholiku minghand is-socjeta' kwerelanti. Ghandu jinghad f'dan l-istadju tas-sentenza li l-ammont ta' kreditu li l-imputat kellu jghati lis-socjeta' kwerelanti fi zmien meta nbdew dawn il-proceduri kien wiehed sostanzjali li kien ilahhaq l-Lm5,000 li pero' gew ridotti ghal circa Lm2,500 fil-kors ta' dawn il-proceduri. Ghaldaqstant huwa fic-cert li sal-lum xi ammont ghadu dovut mill-imputat. Intant, bhala fatt jirrizulta li s-socjeta' tinsab kanonizzata kreditrici tieghu b'sentenza tal-Qorti Civili datata 8 ta' Jannar 1996. Madanakollu, l-fatt 'per se' li hemm ammont, hu kemm hu, li ghadu dovut ma inissilx htija awtomatika fl-ambitu ta' dawn l-akkuzi kriminali fin-nuqqas li l-ammont percepit mill-imputat ghas-skapitu tas-socjeta' kwerelanta ma jirrizultax karpit jew b'misapproprjazzjoni, jew bi truffa, jew minhabba qerq.

Fil-kuntest ta' provi u fatti emergenti f'din il-kawza dak li jirrizulta fl-ambitu tal-akkuzi ta' misapproprjazzjoni u t-truffa hu biss li l-imputat kien gie lilu konsentit li jiehu l-prodotti tas-socjeta' kwerelanti bi kreditu, bl-imputat ihallas ta' xi fatturi arrettrati u b'bilanc kostantement dovut. Dan il-fatt jeskludi r-reat tat-truffa stante li n-negozju bejn l-imputat u s-socjeta' kwerelanta kien wiehed 'di per se' semplici u nieqes minn raggieri u artificji – elementi essenzjali tar-reat ta' truffa. Dan il-metodu ta' negozju, bejgh minn banda u akkwist minn band'ohra b'pagamenti bi kreditu, jovja wkoll l-approprjazzjoni bla jedd li timmanifesta ruhha fuq l-element essenzjali taghha ta' vjolazzjoni ta' pussess, jigifieri, il-konsenja jew l-affidament ta' oggett mobbli mis-suggett passiv lis-suggett attiv b'obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu specifikat minnha. L-obbligu hawnhekk kien 'sic et simpliciter' dak tal-hlas ghall-prodott gia' mibjugh u mixtri mis-socjeta' kwerelanti lill-imputat u li fih xejn ma jinkwadra ruhu l-'hire purchase' li ghalkemm jissemma mill-imputat fl-istqarrija tieghu hu negat mill-provi li kien it-tip ta' negozju li sehh jew ukoll li kien mahsub bejn il-partijiet.

Kwantu ghal dak li jirrigwarda r-reat hekk imsejjah ta’ qerq innominat lanqas dan ma hu rijavisabbli fil-fattispecie ta’ din il-kawza. Kif inghad in-negozju sar ‘on credit terms’ pero’ gara li l-imputat inqalghulu cirkostanzi li minhabba fihom ma setghax ihallas. Dan per se ma jikkostitwiex il-qerq li ghal ta’ lanqas ghandu jkun hemm fih xi forma ta’ ingann. Dan imkien ma jirrizulta.

Tiddisponi ghalhekk mill-kawza billi ma ssibx l-imputat hati u tilliberah minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------